

22000D1214(08)

L 315/18

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

14.12.2000

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 78/2000

tat-2 ta' Ottubru 2000

**li temenda l-Anness II (Regolamenti, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni tekniċi) għall-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "l-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 19/2000 tal-25 ta' Frar 2000 <sup>(1)</sup>.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/180/KE tat-23 ta' Frar 2000 li testendi l-perjodu ta' żmien possibbli għal awtorizzazzjonijiet proviżjonali tas-sostanza attiva l-ġdida *Pseudomonas chlororaphis* <sup>(2)</sup> għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (3) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2000/10/KE ta' l-1 ta' Marzu 2000 li tinkludi sustanza attiva (fluroxy-pyr) fl-Anness I għad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti <sup>(3)</sup> għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 12a (Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE) fil-Kapitolu XV ta' l-Anness II għall-Ftehim:

“– **32000 L 0010:** Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2000/10/KE ta' l-1 ta' Marzu 2000 (ĠU L 57, tat-2.3.2000, p. 28).”

*Artikolu 2*

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 12i (Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2161/1999) fil-Kapitolu XV ta' l-Anness II għall-Ftehim:

“12j. **32000 D 0180:** Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/180/KE tat-23 ta' Frar 2000 li testendi l-perjodu ta' żmien possibbli għal awtorizzazzjonijiet proviżjonali tas-sostanza attiva l-ġdida *Pseudomonas chlororaphis* (ĠU L 57, tal-25.2.2000, p. 34).”

*Artikolu 3*

It-testi tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/180/KE u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2000/10/KE fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, għandhom ikunu awtentiċi.

<sup>(1)</sup> Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

<sup>(2)</sup> ĠU L 57, tat-2.3.2000, p. 34.

<sup>(3)</sup> ĠU L 57, tat-2.3.2000, p. 28.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-3 ta' Ottubru 2000, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (\*).

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmula fi Brussel, fit-2 ta' Ottubru 2000.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

G. S. GUNNARSSON

---

(\*) Ebda ħtiġiet kostituzzjonali indikati.